# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' April 2002**

**Avviz. numru 705/01**

**Numru 30**

**Charmel Pace u Albert Muscat ghan-nom tad-ditta Chef's Pride (gja Sphinx Caterers & Pastizzeria)**

**vs**

**Dolmen Complex Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi fil-kwalita' taghhom premessa ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija u erbgha u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm2,534.10) hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta' pastizzi u oggetti ohra ta' ghagina (Dok A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta‘ Lulju 2001 u bl-imghaxjiet skond il-ligi ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza.

Wara li rat in-nota ta‘ cessjoni tal-istess atturi li biha cedew l-istess meritu tal-kawza pero zammew ferm fuq il-kap tal-ispejjes (ara fol 14 tal-atti).

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess atturi sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fl-20 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu, tilqa t-talba tal-atturi fil-kwalita taghhom premessa in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex

thallas lill-atturi fil-kwalita taghhom premessa l-spejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Lulju 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur